IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 44

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **il-Ħamis 13 ta' Jannar 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**44.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

44.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol iżda kien se jattendi aktar tard. Apoloġija approvata.

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

44.2.1 B'referenza għal punt 43.3.2 is-Sindku qal li ma rċieva ebda risposta u għaldaqstant se jikteb ittra lill-Ministru tas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne dwar il-Berġa tas-Saħħa fil-Birgu li tinsab magħluqa.

44.2.2 B'referenza għal punt 43.3.9 is-Sindku qal li ma rċieva ebda risposta dwar ix-xogħol ta' pavimentar li sar fuq il-belvedere ta' Triq La Vallette (is-Simenta) fejn ix-xogħol tal-pavimentar ma sarx tajjeb. Dan ix-xogħol kien ikkumissjonat mid-Dipartiment tal-Artijiet wara ħafna korrispondenza minħabba l-ħsara li bdiet issir fis-saqaf tal-belvedere. Is-Sindku qal li qabel jitwaħħlu l-bankijiet li diġà jinsabu Malta, trid issir sodda żgħira tal-konkos taħt kull sieq tal-bank biex b'hekk il-banijiet jeħlu mal-art u ma jinqalawx. Dan kollu spejjeż għall-kunsill. Il-Kunsillier Anton Gellel qal li dan mhux ġust u mhix responsabbiltà mill-Awtorità tal-Artijiet fejn ix-xogħol sar ħażin u ħadd ma jagħti kas filwaqt li l-kunsill se jeħel l-ispejjeż li franka biex ittranġat din iż-żona. Is-Sur Gellel kompla jżid li l-awtoritajiet mhux qed jagħtu kas u qisu xejn mhu xejn u saħansitra min qed jagħmel xogħol ħażin qed jitħallas xorta flok jitqabbad jirranġa l-ħażin li għamel. Is-Sindku qabel mas-Sur Gellel u spjega kemm intbagħtu ittri u ankè kemm-il darba mar fuq il-post minħabba x-xogħol li kien qed isir iżda kien kollu għalxejn għax ħadd ma ta kas.

44.2.3 B'referenza għal punt 43.5 dwar ir-reception għall-benefatturi, is-Sindku qal li kif jaf kulħadd din kellha titħassar minħabba l-pandemija. Semma wkoll kif dawk li għamlu suċċess sportiv fl-aħħar snin riċenti, se jkunu qed jingħataw tifkira mill-kunsill kif kien ġie deċiż waqt laqgħa oħra tal-kunsill stess. Ġie ssuġerit biex mal-lista tan-nies jiżdied is-Sur Pawlu Privitera li għamel suċċess fil-Waterpolo.

44.2.4 Wara dawn il-punti, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 43 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

## 44.3 Korrispondenza

44.3.1 Preżentat ir-*Report by the Auditor General on the Workings of Local Government for the year 2020* li jagħti ħarsa lejn il-qagħda finanzjarja tal-kunsilli lokali kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'dan ir-rapport il-Birgu jissemma' li flimkien ma' xi kunsilli oħra, ma ressqux ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2020. Is-Sindku spjega li dan ma kien tort ta' ħadd iżda minħabba l-fatt li saret il-bidla fil-kumpanija tal-accountants tal-kunsill.

44.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Farrugia mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jinforma lill-kunsill li l-proġett taħt l-iskema **SPI/SCI/6/2020** *Skema ta' Finanzjament għal Kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex*, ma ġiex approvat għax: ir-raġuni tal-ineliġibilità hija dik li ma laħqitx l-Għan tal-Iskema.

44.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Oliver Scicluna sabiex jinfurmah li l-Fortizza tas-Salvatur tinsab fil-Birgu u mhux kif ġie mxandar fil-mezzi soċjali, li din tinsab fil-Kalkara.

44.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fejn qed jinforma lill-kunsill li l-proposta għall-isem ta' Triq Santinu Zahra ġie approvat. Il-kumitat qed jinforma wkoll lill-kunsill li hemm partijiet minn Triq Emmanuel Attard Bezzina, li tinsab maqsuma f'aktar minn parti waħda u Triq Santa Skolastika Sqaq Nru 2, li jiġi l-ewwel taraġ ta' qabel u mal-belvedere tas-simenta, jistgħa jinbidel l-isem tagħhom ukoll. Il-Viċi-Sindku s-Sur Chris Cassar issuġġerixxa biex Triq il-Ħabs l-Antik tinqasam f'żewġ ismijiet peress li hija triq twila u kemm-il darba qed tkun diffiċli għal deliveries u ġieli ankè ambulanzi, isibu id-destinazzjoni tagħhom. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera peżenti qablu unanimament.

44.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Olivier Plique, delegat għall-Malta għall-aveniment Trophee Bailli de Suffren, li titlaq minn St. Tropez u tintemm il-Birgu, liema żewġ ibliet jinsabu f'ġemellaġġ u li fis-sena 2022 taħbat l-10 snin anniversarju. Is-Sindku spjega li għal din l-attività li dejjem kienet ta' suċċess, se jkun hemm bżonn l-għajnuna tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

44.3.6 Preżentat korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lil Dr. Cuschieri, Direttur ta' ELC Malta dwar l-istat li tinsab fih id-daħla ta' quddiem Couvre Porte qabel tidħol il-mina l-ġdida fi Triq Pawlu Boffa. Is-Sindku qal li f'din l-ittra qed jinforma lill-ELC biex il-ħamrija li hemm terġa' tibda tinżergħa u jitħaddar bit-turf u l-fjuri

għaliex id-daħla tal-Birgu tidher waħda mitluqa bil-ħamrija biss. Is-Sindku żied jgħid li din iż-żona qed titħallas mid-Dipartiment tar-Restawr biex tinzamm f'kundizzjoni tajba ankè wara li saret is-sistema tal-irrigazzjoni u li sfortunatament m'għadhiex titħaddem saħansitra partijiet minnha tkissru. Is-Sindku spjega kif it-turf li kien hemm f'din il-parti tneħħa wara ordni li saret mis-Sur Mario Farrugia, minn Heritage Malta, responsabbli mix-shelters li hemm Couvre Porte, wara li s-Sur Farrugia qal li bl-ilma tal-irrigazzjoni ix-shelters kienu qed jgħerqu. Is-Sindku staqsa x'kien qed jiġri fix-xhur imxarrbin tax-xitwa bl-ammont ta' xita li kienet qed tagħmel. Intantt diġà saru d-diskussjonijiet u qed jitħejjew il-pjanti ta' kif din iż-żona għal darb'oħra se terġa' tingħata l-ħajja.

44.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-iSpeaker tal-Parlament Malti s-Sur Anġlu Farrugia sabiex jattendi għall-ftuħ tal-konferenza li se ssir il-Birgu fl-aħħar ta' Jannar bħala parti mill-proġett ActiveEU ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Pierre Mallia, għan-nom tal-iSpeaker, ikkonferma l-attendenza.

44.3.8 Preżentata Ċirkulari 01/2022 dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja 2022 tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu se jkollu allokazzjoni ta' €351,672, biss biż-żieda tal-fondi tal-aġġustament li għal dawn il-fondi trid issir applikazzjoni, l-allokazzjoni titla' għal €394,672.

44.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq dwar l-approvazzjoni u l-avviż fuq il-gazzetta tal-gvern dwar l-isem il-ġdid, Triq Wenzu Attard.

44.3.10 Preżentati tliet kwotazzjonijiet għal planter kbir bħal dawk li hemm fin-nofs tal-belvedere tas-Simenta, sabiex isir wieħed fin-nofs fuq il-belvedere f'Tal-Ħawli fuq il-garaxx tal-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu u approvaw l-irħas offerta unanimament.

44.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Direttiva 05/2020 dwar Depożitu ta' Flus fil-Banek.

44.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Inġinier Lawrence Fenech responsabbli mill-installazjoni tal-panelli fuq il-bjut tal-Berġa ta' Franza u tal-Ingilterra, b'informazzjoni li s-Sur Fenech talab minħabba l-estenssjoni tat-tender tal-panelli u l-*bank guarantee*. Is-Sindku spjega kif il-panelli kienu se jiġu diretti fuq il-bjut u għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex tinġieb kwotazzjoni mill-kumpanija li rebħet it-tender, ta' kemm

tiġi l-ispiża biex dawn jitpoġġew fuq travi tal-ħadid minflok fuq il-bejt dirett. Is-Sindku qal li l-ispiża se tgħola ftit aktar imma b'hekk ikun sigur li x-xogħol ma jistrieħx fuq ix-xorok. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-proposta tas-Sindku.

44.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) dwar opportunitajiet ta' fondi għall-kunsilli lokali. Is-Sindku talab li jkollna aktar informazzjoni ħalli jekk hemm fejn, il-kunsill jibbenefika minn dawn il-fondi.

44.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr Mark Causon dwar il-proġett Media4All fejn qed jehmeż ukoll il-kuntratt bejnu u bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar l-għajnuna u l-konsultazzjoni li se jkun qed jagħti lill-kunsill għal dan il-proġett.

44.3.15 Is-Sindku ressaq ritratti tal-ħitan ta' barra tal-garaxx tal-kunsill li hemm fiż-żona ta' Tal-Ħawli, liema ħitan qatt ma tkaħħlu minn barra u huma parti mill-kwistjoni li l-istess kunsill kellu mas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz peress li f' parti mill-garaxx, jinħażen il-planċier tal-banda. Is-Sindku qal li għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex id-dawra kollha tal-garaxx titkaħħal kif suppost u kif kien maqbul fis-sentenza tal-qorti. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**N.B. 18:20pm Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi daħal għal laqgħa.**

**44.4 Sejħa għal impjieg *full-time* Skala 13**

44.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tas-Sindku u l-kunsilliera, l-ittra tar-riżenja tas-Sinjura Marisabel Spiteri li rriżenjat mill-impjieg tagħha f'Diċembru 2021. Is-Sinjura Spiteri kienet taħdem mal-kunsill fi skala 13 u temmet dan l-imjieg nhar is-27 ta' Diċembru 2021.

44.4.2 Is-Sindku ressaq it-talba biex tinħareġ sejħa għal dan il-post vakant ta' Skrivan/a full-time Skala 13 mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

44.4.3 Is-Sindku qal li dan l-impjieg se jkun qed jitħallas mill-fondi mogħtija għall-ispejjeż ta' amministrazzjoni mill-allokazzjoni tal-kunsill lokali. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**44.5 Attività tal-Milied 2021**

44.5.1 Is-Sindku qal li b'mod ġenerali l-attività tal-Milied 2021 kienet waħda tajba, ankè jekk il-pandemija ħarbtet xi ftit il-pjanijiet li kien hemm imħejjija. L-istess kienu tal-fehma l-kunsilliera. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li jekk issir edizzjoni oħra tal-attività, l-attivitajiet, speċjalment fuq barra, jibdew qabel fil-ħin minħabba temperaturi kesħin li jista' jġib miegħu Diċembru. Is-Sindku qal li f'każ li terġa' ssir l-attività, tinżamm id-data tal-weekend wara l-festa tal-Kunċizzjoni. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn il-proposti.

44.5.2 Is-Sindku qal li l-attività Birgu by Christmas Lights, kienet iffukata fuq it-tiżjin tal-Milied fit-toroq li sfortunatament ma kinux kif mixtieqa u ta' ċerta livell, għajr għas-siġra tal-Milied li saret f'nofs il-Pjazza. Is-Sindku qal li ma kien kuntent b'xejn mit-tiżjin apparti li ż-żona Fuq tal-Ħawli ma ntramatx mill-kuntrattur u lanqas Triq il-Kardinal Prospero Grech. Il-Kunsillier Jason Portelli talab biex mill-Milied li jmiss, it-tiżjin isir u jinxtegħel qabel bħal lokalitajiet oħra. Is-Sindku qal li huwa dejjem mexa' fuq il-prassi li jixgħel wara l-festa tal-Kunċizzjoni iżda qabel mas-Sur Portelli li aħjar jekk ikun qabel kif qed jipproponi biex żgur it-tiżjin tal-Milied fil-Birgu ma jitħalliex għall-aħħar u jsir bi tlaqqit.

44.5.3 Is-Sindku propona biex mill-Milied li ġej, il-kunsill jixtri l-materjal tat-tiżjin huwa u jifranka sena wara oħra l-ispiża tal-kuntrattur u jibda jintrama u jiżżarma mill-għaqdiet taż-żewġ festi rispettivi. Il-Viċi-Sindku Chris Cassar qal li minkejja l-idea hija tajba, it-tiżjin tal-Milied se jispiċċa jkun l-istess sena wara oħra u għaldaqstant jiġi monotonu. Il-Kunsillier Anton Gellel qal li jekk jinxtara t-tiżjin tal-Milied, dan ikun tal-għaqdiet tal-festi biex tinġarr aktar responsabbiltà u attenzjoni fl-armar u ż-żarmar. Il-Viċi-Sindku qal lis-Sindku li lest li jġib kwotazzjoni mingħand il-kumpanija Taljana li tarma Triq ir-Repubblika l-Belt biex toħloq disinn għal Triq il-Mina l-Kbira u tarmah fil-Milied li ġej. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu fuq din il-proposta.

44.5.4 Is-Sindku qal li l-ispiża totali tal-attività kollha ġiet tiswa' **€24,745.40** u li parti minnha, total ta' **€22,411.43**, ġiet iffinanzjata mill-iskema SPI/SCI/6/2021 *Finanzjament Milied 2021*. Għaldaqstant sehem il-kunsill kien ta' €2333.97, ftit inqas mill-għaxra fil-mija li l-kunsill obbligat li joħroġ mal-fondi mogħtija lilu. Is-Sindku qal li dawn se jitħallsu mill-fondi tal-kunsill u mill-ebda sors ta' finanzjament ieħor.

**44.6 Monument ta' Ġorġ Agius**

44.6.1 Is-Sindku qal li s'issa kienu nġabru biss mhux aktar minn seba' mitt Ewro (€700) mid-donazzjonijiet għall-monument ta' Ġorġ Agius. Is-Sindku qal li se jkun qed jibgħat ittra lill-għaqdiet kollha tal-Birgu biex jagħtu donazzjoni.

44.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li għandha ssir linja tal-mobile biex issir Revolut tal-Kunsill biex min jixtieq, ikun jista' jibgħat donazzjoni permezz ta' Revolut peress li hija sistema aktar faċli. Is-Sindku talab lis-Sur Mizzi biex jieħu ħsieb din il-biċċa tax-xogħol mill-aktar fis possibli.

44.6.3 Wara diskussjoni dwar fejn għandu jsir il-monument bil-bust ta' Ġorġ Agius, liema bust kien se jsir b'xejn (il-forma) mill-artist Andrew Bugeja, ħarġet l-idea li biex dan ikun jixxiebah eżatt, il-kunsill imur għal 3D printing li permezz tar-ritratti ta' Ġorġ, joħorġ eżatt il-wiċċ reali. Is-Sindku qal li jekk immoru għal din is-sistema, jinforma lil Andrew Bugeja li ma kellux għalfejn jagħmel il-mudell tal-bust.

44.6.4 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li kien jippreferi kieku statwa sħiħa ta' Ġorġ Agius flok sempliċi bust. Intant is-Sur Mizzi ħareġ bl-idea li ssir statwa ta' Ġorġ bilqiegħda fuq bank fejn in-nies jistgħu jpoġġu u jieħdu ritratt miegħu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu fuq din il-proposta u qablu wkoll li dan għandu jsir fejn il-letter box li hemm fil-kantuniera hekk imsejħa *lazy corn*er fil-Pjazza tal-Birgu.

44.6.5 Is-Sindku qal li m'hemmx dubju li dan jiġi sabiħ u jikkumplimenta l-proġett tal-pavimentar tal-Pjazza tal-Birgu. Apparti hekk is-Sindku qal li monument hekk se jiswa' aktar flus u għalhekk hemm bżonn li l-kunsill jaqdef biex jinġabru l-fondi għalih.

**44.7 Proġett ta' 'Tal-Glażiż'**

44.7.1 Is-Sindku qal li fl-aħħar ġimgħat li għaddew kien hemm żviluppi dwar il-proġett ta' 'Tal-Glażiż' dan wara li s-Sindku għamel kuntatt mas-Sur Brian Gatt fejn infurmah li l-proġett kien se jsir u se jsir mill-Wasteserve jew GreenPack.

44.7.2 Is-Sindku spjega li l-pjanti tal-proġett se jinbidlu minn dawk kif preżenta l-kunsill lill-Ministru tal-Ambjent ftit tax-xhur ilu u li dawn il-pjanti se jkunu qed jintbagħtu lill-kunsill aktar 'il quddiem għall-approvazzjoni.

**44.8 Proposta għall-bini tat-Torri tal-Arloġġ**

44.8.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà Storiko Kulturali Vittoriosa fejn tirringrazzja lis-Sindku għal laqgħa kordjali li kellhom fejn ġiet diskussa din l-idea tal-bini tat-Torri tal-Arloġġ fil-Pjazza tal-Birgu flok il-bini tal-ex-Azzjoni Kattolika tal-irġiel

44.8.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li hemm min jixtieq jgħin lill-kunsill biex din il-ħolma ssir realtà, li għalkemm it-torri ma jkunx fejn kien oriġinarjament, jinbena xorta fil-Pjazza u jieħu post binja antika u prattikament mitluqa.

44.8.3 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li t-torri fih bejn wieħed u ieħor għoxrin b'għoxrin pied kwadru u għaldaqstant se jkun hemm aktar spazju fil-post li qed ikun propost li jinbena t-torri, prattikament ikun hemm fetħa tajba mad-dawra mejt tat-torri kollu.

44.8.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Christopher Cassar qal li peress li jkun għad hemm spazju bejn il-bini tat-torri u l-bini li jibqa', fl-ispazju ta' wara, jiġi mibni mużew dwar l-arloġġ, bl-istess għoli tal-bini li qabel kien imiss mat-torri meta kien fil-Pjazza.

44.8.5 Intant is-Sindku ressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-kunsill kollu. Il-kunsilliera kollha qablu unanimament mal-proposta li jinbena t-torri tal-arloġġ f'din iż-żona li qed tkun proposta flok fin-nofs tal-Pjazza tal-Birgu.

**44.9 Proġett tal-Bandli tal-Birgu**

44.9.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fil-bandli tal-Birgu miexi tajjeb ħafna tant li l-konkos min-naħa tal-ħaddiema tal-Gvern issa lest u bdew iduru l-ħadid li jagħti għal fuq il-Foss kif ukoll se jsiru mill-ġdid iż-żewġ boċċi tal-ġebel li hemm nieqsa fuq ic-cint tad-daħla tal-bandli. Il-ħaddiema tal-Gvern se jkunu qed iduru wkoll il-ħajt fuq in-naħa ta' fejn ser ikun hemm il-kaxxa tad-dawl.

44.9.2 Is-Sindku spjega kif issa mal-ħaddiema tal-kunsill se jkun qed jgħaddi s-sistema tad-dawl ġdida għall-bandli kollu. Is-Sindku kompla jispjega kif flimkien mal-Perit tal-kunsill, raw x'hemm bżonn biex jingħata l-imprint concrete fil-parti tan-nofs ħalli ma jinħeliex aktar żmien u x-xogħol jitlesta.

**44.10 Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031**

44.10.1 Is-Sindku qal li f'din il-biċċa tax-xogħol għandu bżonn l-għajnuna ta' kulħadd għax diffiċli li tkun fuq spalltu biss. Intant il-Viċi-Sindku s-Sur Chris Cassar qal lis-Sindku li se jkun qed jitkellem mas-Sinjura Joanne Attard Mallia, CEO tal-Valletta Cultural Agency dwar x'inhu l-pass li jmiss ħalli jibda jinbena l-bidbook għall-applikazzjoni ta' dan it-titlu.

44.10.2 Is-Sindku qal li se jinforma lill-President tar-Reġjun Port dwar il-membri tal-bord. Fuq l-istess nota s-Sindku qal li se jkun qed jinnomina wkoll lil Fr.John Avellino għal dan il-board. Il-Viċi-Sindku qal li tkun idea tajba, kemm għax Fr.John huwa mill-Birgu u għandu diversi esperjenzi u kuntatti tajbin filwaqt li fil-board tal-Valletta 2018 kien hemm ukoll rappreżentanza ta' saċerdot. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament man-nomina.

**44.11 Triq il-Mandraġġ (imressqa mill-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi)**

44.11.1 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi tkellem u qal li Triq il-Mandraġġ, qed issir abbuż sfrenat ta' parkeġġ illegali fejn saħansitra nies jipparkjaw ħazin apposta biex iżommu parkeġġi oħra vojta għall-qraba tagħhom u jsibu parkeġġ meta jirritornaw il-Birgu. Is-Sur Mizzi qal li hemm bżonn li jsir rifresk mil-ġdid taż-żebgħa tal-linji kollha tal-art kif ukoll jinħoloq spazju għall-parkeġġ tal-muturi biex b'hekk ħadd ma jġib skuża li m'għandux fejn jipparkja l-mutur.

44.11.2 Is-Sindku qal li se jieħu nota ta' dawn l-ilmenti u se jieħu azzjoni mmedjata biex isiru l-linji u l-parkeġġ tal-muturi. Is-Sindku spjega kif din il-problema tal-parkeġġi qed issir f'żona oħra fil-Birgu wkoll fejn persuni ipoġġu mutur flok karozza biex isibu parkeġġ vojt aktar tard. Intant fuq dan il-punt ma jista' jsir xejn għax hu permess bil-liġi li mutur jipparkja fil-kaxxa l-bajda ta' karozza.

**44.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

44.12.1 Il-Viċi-Sindku s-Sur Chris Cassar ressaq proposta għall-kunsill sabiex iż-żona ta' wara l-grawnd tal-Fortini, li kienu se jużaw il-Vittoriosa Stars F.C., issir grawnd tal-5 a-side jew iżgħar, imma tal-inqas ikun spazju fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jilgħabu bil-ballun. Il-Viċi-Sindku staqsa wkoll x'se jiġri mill-ġnien li kellu jsir taħt it-Torri ta' San Ġakbu biex f'każ li l-proġett għalissa mhux se jsir, il-grawnd isir f'dik iż-żona. Is-Sindku qal li l-idea hija tajba u se jkun qed jaħdem fuqha jekk kulħadd jaqbel. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

44.12.2 Is-Sindku qal li l-Ħamis 27 u l-Ġimgħa 28 ta' Jannar 2022 se ssir it-tieni konferenza tal-proġett ActiveEU, bl-ewwel waħda kienet saret il-Polonja u li għaliha attendew is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku qal li din se ssir Malta, il-Birgu stess, peress li l-kunsill huwa msieħeb fil-proġett. Is-Sindku propona li minħabba n-numru ta' parteċipanti u studenti li mistenni jattendu għaliha, l-konferenza ssir il-Youth Centre peress li hija sala kbira atrezzata b'kollox u f'post ċentrali. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu unanimament. Is-Sindku qal ukoll li għall-konferenza se jattendu l-iSpeaker tal-Parlament Malti s-Sur Anġlu Farrugia u l-Ministru l-Onor. Carmelo Abela wieħed kull wieħed fil-jumejn tal-konferenza, rispettivament.

44.12.3 Il-Kunsillier Anton Gellel preżenta tifkira mogħtija mill-Pirjol tal-Komunità Dumnikana tal-Birgu wara lejla mużiko-letterarja li saret fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar f'għeluq iċ-Ċentinarju tat-800 mitt sena mill-mewt ta' San Duminku. Is-Sindku qal li għal dakinhar, ma setax jattendi.

44.12.4 Is-Sindku spjega kif ftit jiem ilu kellu telefonata mal-Arċipriet fejn dawn tkellmu dwar il-pika li tinħass li qed tikber bejn diversi fazzjonijiet taż-żewġ festi tal-lokal. Is-Sindku qal li jħoss li din għandu jaqsamha mal-kunsilliera għalkemm indirettament m'għandux x'jaqsam mal-ebda naħa tal-festi. Is-Sindku qal li l-Arċipriet qallu li din it-tensjoni kompliet tikber għax ma kienx ġust li l-attività ta' Jum il-Birgu, b'mod speċjali l-quddiesa li ssoltu ssir fil-Parroċċa, saret fil-Knisja tal-Lunzjata. Is-Sindku spjega li din kienet deċiżjoni tal-kunsill fl-okkażjoni taċ-ċentinarju li kienu qed jiċċelebraw il-Komunità Dumnikana. Is-Sindku qal li jħoss li għalkemm m'għandux x'jaqsam f'din il-kwistjoni, lest li jservi ta' medjatur u jlaqqa' l-fazzjonijiet taż-żewġ festi, sabiex is-sitwazzjoni titjieb u mhux tmur għall-għar.

44.12.5 Is-Sindku ressaq stampa ta' kif mistennija jkunu mqassma l-armi tal-kunsilli lokali li jiffurmaw ir-Reġjun Port li issa l-Birgu se jkun parti minnu flok ir-Reġjun Xlokk. Is-Sindku qal li wara diskussjoni mal-President is-Sur Pawlu Farrugia, ittranġaw kif suppost l-armi u għalhekk tal-Birgu tinsab fuq nett maġenb tal-Belt. Is-Sindku qal li minkejja l-istorja tagħti raġun għala tal-Birgu għandha tkun l-ewwel, ma jsibx oġġezzjoni li tal-Belt, il-belt kapitali, tkun qabilha. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

44.12.6 Is-Sindku ressaq għall-aprovazzjoni tal-kunsill il-Performance Bonus Appraisal għas-sena 2021 għall-ħaddiema klerikali kif ġej: Segretarju Eżekuttiv 9%, is-Sur Jonathan Elsworth u s-Sinjura Marisabel Spiteri 5% u s-Sur Hayden Cachia 4%. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

44.12.7 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni t-talba tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz sabiex il-Kanonku Onorarju l-Emm. T. L-Kardinal Peter Turkson jingħata ċ-Ċittadinanza Onorarja tal-Belt Vittoriosa. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' dan il-proposta. Is-Sindku spjega kif il-Kardinal se jkun qed jagħmel żjara fil-Birgu bejn il-Ġimgħa 4 u l-Ħadd 6 ta' Frar 2022. Is-Sindku qal li allura, l-għoti taċ-ċittadinanza jingħata l-Ħadd stess, fil-Berġa ta' Franza, mill-kunsill wara li l-quddiesa li se ssir fil-Parroċċa ta' San Lawrenz. Is-Sindku fakkar biex il-kunsilliera kollha jkunu preżenti għal din il-ġurnata.

44.12.8 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill l-applikazzjoni dwar **Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022** (SPI/SCI/9/2021) għall-attività annwali tal-Birgufest li ssir fit-tieni tmiem il-ġimgħa ta' Ottubru (7/8/9). Is-Sindku qal li l-kunsill jista' jingħata sa ħamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-ispejjeż b'rabta ma' din l-attivitá filwaqt li l-kunsill huwa obbligat li jiffinanzja l-bilanċ. Is-Sindku qal li f'każ li ma jinġabrux donazzjonijiet daqs issoltu minħabba l-effett li ħalliet il-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill irid jiffinanzja il-kumplament tal-ispejjeż mill-fondi tal-kunsill stess. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-applikazzjoni biex tkun sottomessa u l-punti li elenka s-Sindku.

44.12.9 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xahar ta' Novembru 2021. Il-kunsilliera preżenti approvawh unanimament.

**44.13 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

44.13.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 35** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6206** sa **BOV 6226** u **BOV6236** sa **BOV6240** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

44.13.2 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 36. Din l-iskeda tal-pagamenti kienet tiġbor fiha biss l-ispejjeż tal-Attività tal-Milied 2021** u kienet tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6228** sa **BOV 6235** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**44.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 15 ta` Frar 2022 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **15 ta' Frar 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |